MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 307/2011

**GasanMamo Insurance Limited**
**C-3143**

**vs**

**EUR Service s.r.l. (IVA-11280180156) u**
**Il Corriere s.r.l. (0424570840)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi s-socjeta' M.A. Motorcycles Limited xtrat merkanzija minghand Alpinestars S.p.a. ta' Azolo, Italja, liema merkanzija kellha tigi trasportata minn hemm ghal Malta. Illi ghal dan il-ghan giet inkarigata s-socjeta' EUR Service s.r.l. li da parti taghha hija subkontrattat parti mill-vjagg lis-socjeta' Il Corriere S.r.l. Illi waqt li l-merkanzija kienet qieghda tigi trasportata mis-socjeta' Il Corriere, din giet nieqsa u effettivament il-merkanzija akkwistata mis-socjeta' M.A. Motorcycles Limited, li kellha tasal Malta fit-

18 ta’ Frar 2010, qatt ma waslet Malta. Illi s-socjetajiet intimati huma t-tnejn responsabbli ghal dan in-nuqqas skond il-ligi. Illi s-socjeta’ M.A. Motorcycles Limited kienet assigurata mas-socjeta’ attrici u ghalhekk hija giet kompensata bl-ammont ta’ tliet elef erba’ mija u ghaxar Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,410.62c) u b’hekk saret id-debita surroga favur is-socjeta’ attrici. Illi s-socjetajiet konvenuti interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-ammont ta’ tliet elef erba’ mija u ghaxar Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,410.62c) permezz ta’ ittra registrata tal-14 ta’ Jannar, 2011 baqghu inadempjenti u lanqas wiegbu jew irritornaw l-ittra u d-dokumenti hemm mehmuza. Illi dan it-trasport huwa regolat mid-disposizzjonijiet tac-CMR Convention li jrendihom it-tnejn solidarjament responsabbli ghal dan in-nuqqas. Ghaldaqstant l-intimati ghandhom solidarjament jigi kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef erba’ mija u ghaxar Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,410.62c) bl-interessi mill-14 ta’ Jannar, 2011 u bl-ispejjez kollha tal-kawza, liema intimati huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetajiet konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghhom ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li r-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef erba’ mija u ghaxar Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,410.62c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------